MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 445/2003/1

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f' isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta**

**vs**

**Charles Aquilina f' ismu proprju u ghan-nom ta' Computing Levels Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 ta' Settembru tas-sena 2003, li permezz tieghu l-Korporazzjoni proprio et nomine sejhet lill-konvenut proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-Korporazzjoni attrici proprio et nomine, is-somma ta' elfejn, sitt mija u wiehed u sittin Lira Maltin, u hamsa u disghin centezmu, (LM2,661.95,0), dovuti minnu lilha proprio et nomine kwantu ghas-somma ta' tlieta u sittin Lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu, (LM63.74,0), ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u kwantu ghas-somma ta' elfejn, hames mija u tmienja u disghin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu, (LM2,598.21,0), ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 133, Flat 1, Triq San Bartolomew, Qormi, ghall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Awissu tas-sena 1994 sa l-24 ta' Lulju tas-sena 1999 skond il-kont numru 203043230 u d-dokumenti anness (WSC 1 u WSC 2);

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' hames Liri Maltin, (LM5,.00,0), ta' l-ittra legali tat-18 ta' Novembru tas-sena 2002 u hdax –il Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM11.50,0), dawk ta' l-ittra ufficcjali tad-9 ta' April tas-sena 2003, kontra tieghu li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-konvenut datata l-20 ta' Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti;

1. Illi l-konvenuti jew ahjar il-konvenut proprio et nomine, m'ghandhom jaghtu l-ebda somma flus lill-Korporazzjonijiet attrici stante l-fatt illi, kuntrarjament ghal dak indikat fl-avviz, huma qatt ma nghataw servizz ta' ilma u elettriku fil-fond numru 133, flat 1, Triq San Bartolomew, Qormi, liema fond ma huwiex a konoxxenza taghhom.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna skond il-Korporazzjoni attrici proprio et nomine huma s-segwenti:

1. Illi l-Korporazzjoni de quo qed titlob l-ammont indikat fl-avviz promotur mill-konvenut proprio et nomine u dan, a bazi tal-kont numru 203043230 korrispondenti ghall-fond ta' din il-procedura u ghall-perijodu bejn is-6 ta' Awissu ta' l-1994 sa l-24 ta' Lulju ta' l-1999;

2. Illi dan qed taghmlu ghall-konsum ta' ilma u elettriku u ghall-kiri tal-arloggi relattivi, li ghalihom il-konvenut proprio et nomine qed jinzamm responsabbli;

3. Illi in sosten tat-tezi taghha l-Korporazzjoni attrici ssostni s-segwenti:

a. Illi l-konvenut Aquilina kien personalment mela l-formola tal-Korporazzjoni li permezz taghha kien infurmaha li ma kienx ser jibqa' jirrisjedi aktar fil-fond numru 103/1, Triq San Bartolomew, Hal-Qormi, (ara fol 16);

b. Illi meta l-formola appozita giet redatta mill-istess konvenut dan indika s-segwenti:

i. L-identifikazzjoni tan-numru tal-kont relattiv: 203/043230;
ii.In-numru tal-fond de quo : 103/1;
iii. L-isem tat-triq: San Bartilmew;
iv. Ir-rahal: Hal-Qormi;

c. Illi f'dan il-perjodu ghalhekk il-konsum ta' kera ta' l-ilma u dawl relattiv kien effettivament ikkonsumat mill-konvenut proprio et nomine u jirrizulta regolarment ippruvat;

4. Illi nonostante li l-konvenut kien interpellat biex ihallas l-ammont minnu dovut, baqa' inadempjenti;

5. Illi ghalhekk, il-Korporazzjoni attrici kellha tirrikorri ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi min-naha tieghu, il-konvenut proprio et nomine isostni s-segwenti:

1. Illi l-fond in dizamina kien proprjeta' ta' Francis Farrugia fil-perjodu bejn l-1994 – 1999;

2. Illi fil-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta li inbidel in-numru civiku fejn minn 103 sar 133;

3. Illi effettivament illum dan hu wkoll rifless fir-Registru Elettorali; (ara fol 65);

4. Illi fil-perjodu meritu ta' din il-procedura il-fond de quo kien jintuza minn kumpanija peress li l-istess fond kien inkera lis-socjeta' Computing Levels Limited;

5. Illi jirrizulta li fil-perjodu in dizamina in-numru tal-fond de quo kien effettivament 103, (ara fol 71);

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-fond meritu ta' din il-procedura jirrizulta li ghamel perijodu meta kien taht il-kontroll tal-konvenut proprio et nomine u kien bin-numru 103, u sussegwentement inbidel ghal 133, Triq San Bartilmew, Hal Qormi;

2. Illi l-fond jirrizulta li hu l-istess wiehed identiku mid-dokumentazzjoni prodotta mill-Korporazzjoni attrici u precizament minn numru ta' l-account ta' l-istess Korporazzjoni;

3. Illi ghalhekk, ghalkemm jirrizulta li n-numru civiku inbidel, in-numru ta' l-akkont baqa' l-istess u ghalhekk l-identita' tal-fond in dizamina hi facilment individwata;

4. Illi di piu', l-istess konvenut proprio et nomine, ghalkemm eccepixxa li qatt ma inghata servizz ta' ilma u elettriku fil-fond numru 133, Flat 1, Triq San Bartilmew, Hal Qormi, li jirrizulta minnu, jirrizulta wkoll pero' li dan hu l-istess fond li hu kien juza ghall-ezercizzju tas-socjeta' minnu gestita taht in-numru 103;

5. Illi ghalhekk hu kollu inutili li jipprova johloq konfuzjoni ghaliex din il-konfuzjoni effettivament ma tezistix kif fuq spjegat;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Charles Aquilina proprio et nomine, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tordna lill-imsemmi konvenut proprio et nomine biex ihallas lill-Korporazzjoni attrici proprio et nomine l-ammont ta' elfejn, sitt mija u wiehed u sittin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu, (LM2,661.95,0), kif indikat fl-avviz odjern;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut proprio et nomine mid-data ta' l-ittra ufficcjali tat-18 ta' Novembru tas-sena 2002."

Il-konvenut personalment appella minn din is-sentenza u talab li din tigi varjata in kwantu tikkoncerna lilu. Il-kontenzjoni centrali tieghu hi li ma kellux jigi kkundannat in veste personali ghall-hlas reklamat mill-Korporazzjoni attrici. Huwa jirpoza din l-istess kontenzjoni tieghu fuq dawn it-tliet binarji, u cjoe:-

(i) Id-dokument intestat "Registrazzjoni ta' Bidla tal-Konsumatur" – fol. 16;
(ii) L-iskrittura ta' lokazzjoni – fol. 77;
(iii) Il-kontestazzjoni ta' l-ewwel Qorti innifsiha fejn fis-sentenza appellata rrilevat illi l-fond fejn kien hemm is-servizz li tieghu ntalab il-hlas kien dak li jintuza ghall-ezercizzju tas-socjeta` minnu gestita – fol. 88;

Bit-twegiba taghha ghall-obbjezzjoni ta’ l-appellanti, l-Korporazzjoni, fuq l-interpretazzjoni taghha tad-dokument enumerat (i) *supra*, tissottometti illi kien biss fit-tieni pagna tieghu illi l-appellant indika l-isem tal-kumpanija u li meta ffirmah ma indikax li kien qieghed hekk jaghmel ghan-nom tal-kumpanija;

Il-materja hawn involuta gja giet aktar minn darba konsiderata mill-Qrati taghna. Skond id-direttiva dilinejata mill-Qorti ta’ l-Appell fid-decizjoni taghha tas-6 ta’ Ottubru 1999 in re “**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**” jinghad illi f’ kazijiet ta’ din ix-xorta, “jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkustanzi ta’ kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta’ haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji”;

Kif taraha din il-Qorti, fuq il-valutazzjoni taghha ta’ l-atti processwali, l-appellant irnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjon u konvinciment taghha illi kienet is-socjeta` minnu rapprezentata li utilizzat is-servizz. Aktar fundamentali minn hekk hi li, skond id-dokument a fol. 16, l-Korporazzjoni attrici kellha indikazzjoni sufficjenti illi l-utent tas-servizz kienet is-socjeta` Computing Levels Limited. Hu bil-wisq naturali mill-mod kif inhu redatt dan id-dokument illi l-persuna firmatarja kellha tkun indikata bl-isem ta’ l-appellant bil-karta ta’ l-identita` idoneja ghalih. Hu fatt notorju li kumpanija m’ ghandhiex *identity card* u kien allura logiku li fejn fid-dokument hemm imnizzel “Numru tal-Karta ta’ l-Identita`”, immedjatament taht isem il-kumpanija, l-appellant kien ser jaghti n-numru ta’ l-identita` tieghu. Minnu l-Korporazzjoni ma kellhiex tipprezumi illi l-appellant kien qed jagixxi f’ ismu u mhux ukoll f’ isem il-kumpanija li taghha kien direttur u azzjonista;

Effettivament, fil-hsieb tal-Qorti, l-appellant irnexielu jipproduci provi ohra dokumentali li jsostnu t-tezi minnu

sostenuta illi, personalment, ma kellux iwiegeb ghall-hlas tas-somma pretiza. Hekk permezz ta' l-iskrittura tal-lokazzjoni iddemostra li l-fond fejn kien hemm is-servizz kien mikri lill-kumpanija u mhux lilu. Anke din il-prova kienet indikattiva li l-utent kienet proprju din il-kumpanija u mhux l-appellanti personalment;

Dan l-istat ta' provi da parti ta' l-appellanti, u in bazi ghad-dokumenti imsemmija, kien bizzejjed biex jivverti l-oneru fuq il-Korporazzjoni appellata biex din minn naha taghha ggib dik il-kontro-prova li ssostni t-tezi taghha li l-appellanti gie sew citat biex jirrispondi, flimkien mal-kumpanija tieghu, ghad-domanda ghall-hlas ta' konsum ta' ilma u ta' elettriku mill-fond lokat. Minn dan fl-atti ma nsibu xejn u allura ma tistax il-Korporazzjoni tlum lil din il-Qorti jekk ikollha tiddeciedi l-kwestjoni lilha sottomessa "*iuxta alligata et probata*";

Dan affermat, ghal din il-Qorti l-appellanti ressaq sottomissjonijiet validi li jikkonvincuha mill-attendibilita` ta' l-ilment tieghu u li, allura l-konsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti ma kellhiex twassalha ghal konkluzjoni fis-sentenza appellata raggunta fir-rigward tieghu personalment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell lilha devolut u b' hekk tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi ma ssibx lill-appellanti personalment responsabbli ghall-hlas tas-somma reklamata u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza jitbatew mill-Korporazzjoni appellata. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu a karigu tal-kumpanija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------